

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2017 – SB vs EUIPO**(Kawża T-200/17)**

(2017/C 178/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* SB (rappreżentant: S. Pappas, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-2 ta' Ġunju 2016 li permezz tagħha r-rikorrenti ġiet irrifjutata t-tieni tiġdid tal-kuntratt tagħha u kif ukoll id-deċiżjoni ta' ċaħda tad-Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO tad-19 ta' Diċembru 2016 tal-ilment tar-rikorrenti tal-1 ta' Settembru 2016;
- tikkundanna lill-konvenut ibati l-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tar-Regolamenti tal-Persunal u l-kondizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea bħala riżultat tal-applikazzjoni tar-regoli interni tal-konvenut li jgħibu ndaqs l-uffiċjali u l-membri tal-persunal temporanju b'kuntratti għal żmien indeterminat. Barra minn hekk, billi jiddifferenzja bejn membri tal-persunal temporanju b'kuntratti għal żmien determinat u membri tal-persunal temporanju b'kuntratti konklużi għal żmien indeterminat, il-konvenut jikser ir-Regolamenti tal-Persunal u, f'dan il-każ partikolari, il-prinċipju ta' trattament ugwali.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni jew motivazzjoni illegali kontradittorja u insuffiċjenti.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq nuqqas ta' osservanza tad-dmir ta' premura dovuta lill-persunal.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età bħala riżultat tal-applikazzjoni mill-konvenut ta' politika tal-persunal intiża sabiex tnaqqas l-età medja tal-popolazzjoni tal-persunal.

Rikors ipprezentat fis-6 ta' April 2017 – Out of the blue vs EUIPO – Dubois and MFunds USA**(FUNNY BANDS)****(Kawża T-214/17)**

(2017/C 178/43)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* Out of the blue KG (Lilienthal, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Hasselblatt, V. Töbelmann u A. Zarm, avukati)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Frédéric Dubois (Lasne, il-Belġju) u MFunds USA LLC (Miami Beach, Florida, l-Istati Uniti)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell